**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' April, 2020**

**Rikors nru: 160/2015 AGV;**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi permezz tar-rikors promotur tagħha l-attriċi ppremettiet u ddikjarat:

    1. Illi l-kontendenti B żżewġu nhar is-16 t'April 2000 (Dok A) u minn dan iz-zwieġ twieldet il-minuri DB li twieldet nhar it-3 ta' Jannar 2002;

2. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx iktar possibbli minħabba adulterju, eċċessi, minaċċji, theddid u offizi gravi, fost affarijiet, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;

3. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

4. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Ġunju tas-sena 2015 (Dok B);

5. Il-fatti dikjarati tafhom hi personalment;

Għaldaqstant l-istess attriċi għaddiet sabiex tressaq is-segwenti talbiet u cioe' sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat fosthom adulterju, vjolenza psikoloġika u swat, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri DB f'idejn l-esponenti u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għat-tifla minuri u jibqa' hekk

pagabbli sakemm l-imsemmija minuri tagħlaq l-eta' ta' tmintax(18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda taħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeċiedi li tibqa' tistudja fuq bazi full-time, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi u jiġu depositati f'kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-għoli tal-ħajja, fil-waqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

4. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjez kollha relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri;

5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsubha fl-Artikoli 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tapplika kontrieh interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 55 sa 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-waqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha u dana fi zmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

8. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

9. Tawtorizza lill-attriċi tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u cioe' fil-fond bin-numru 10/3, Gondola Court, Triq is-Simblija, Naxxar, NXR2671;

10. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubita E;

11. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez u imgħaxxijiet kollha kontra l-konvenut, nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tiegħu l-esponent eċċepixxa u ppremetta s-segwenti:

1. Illi l-esponenti jaqbel li l-kontendenti żżewġu fis-sittax ta' April tas-sena elfejn (16.4.2000) u li miż-żwieġ tagħhom huma kellhom tifla, DB, li twieldet fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (03.01.2000) u percio' għadha minorenni;

2. Illi filwaqt li l-esponenti jaqbel li l-ħajja matrimonjali tal-partijiet m'għadhiex aktar possibbli, dan bl-ebda mod ma huma mputabbli lilu, iżda r-relazzjoni tagħhom spiċċat propju għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi u rikonoxxuti mil-Liġi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi u offiċi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti li naqset mill-obbligi matrimonjali tagħha versu l-esponenti, kif ser jiġi ppurvat fil-mori tal-kawża;

Biex imbaghad l-esponent ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet fil-mertu:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero' mhux għar-raġunijiet imputabbli lill-esponenti kif indikati mill-attriċi izda prinċipalment għaz-zwieġ li tkisser irrimedjabilment għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi u rikonoxxuti mil-Liġi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi, u offiżi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tieni talba tal-attriċi sabiex hija tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-wild minuri stante li huwa fl-aħjar interessi tal-istess minuri illi l-kura u kustodja tiegħu tiġi fdata f'idejn l-konvenut Missier, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawza, b'dana illi l-attriċi tiġi mogħtija aċċess għal bintha f'dawk il-ġranet u ħinijiet li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tielet talba in kwantu tirrigwardja l-manteniment pagabbli mill-esponenti konvenut versu l-attriċi u għandha wkoll tiċħad it-talba tal-attriċi li l-konvenut iddekada

minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti (l-attriċi) u dan ukoll in vista tal-fatt li l-attriċi hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u b'hekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li l-attriċi ddekadiet minn tali dritt u dan apparti mill-fatt li hija finanzjarjament indipendenti;

4. Illi wkoll fir-rigward tat-tielet talba din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-istess talba u ċioe' dik rigwardanti manteniment li għandu jitħallas mill-esponenti versu l-minuri, izda din l-Onorabbli Qorti għandha tistabilixxi u tiffissa dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, li l-attriċi għandha tħallas lill-esponenti għall-istess minuri b'dawk il-modalitajiet kollha inkluzi provvediment għaz-zieda perjodika biex l-attriċi tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u ssir ordni għall-ħlas tal-istess retta alimentarja;

5. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-raba' talba u għall-kuntrarju tordna lill-attriċi sabiex tħallas lill-esponenti nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri;

6. Illi fir-rigward tal-ħames talba, l-esponenti ma jopponiex għal din it-talba u ċioe' li tiġi xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiġi likwidata b'mod li jiġu stabbiliti zewġ porzjonijiet li jiġu assenjati lill-partijiet, b'dana pero' mhux bilfors fi kwoti ndaqs stante tortijiet imputabbli lill-attriċi u fl-istess waqt tiġi stabbilita' data minn meta din l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-istess attriċi għandha tkun ikkunsidrata ħatja tal-firda, u dana okkorrendo għall-finijiet ta' din it-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni u tinnomina Nutar Pubbliku

sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaċji;

7. Illi din l-Onorabbi Qorti għandha tiċħad is-sitt talba u dan għall-fatt li ma jezistux iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom għandhom jiġu applikati l-effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-liġi ċitati mill-attriċi fil-konfront tal-konvenuta, liema effetti tad-disposizzjonijiet u sanzjonijiet, pero' stante li l-attriċi hija unikament ħatja għat-tifrik taz-zwieġ, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li l-attriċi ddekadiet mill-jeddijiet konjugali tagħha u tapplika kontriha in toto jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi dwar is-seba' talba l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni illi l-assi parafernali u dawk dotali jiġu restitwiti, b'dana illi kull parti tieħu l-ġid parafernali u/jew dotali tagħha u percio' din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lill-attriċi sabiex tikkonsenja lill-esponenti l-oġġetti mobbli jew immobbli parafernali u/jew dotali tiegħu, inkluz dawk li jinsabu fil-pussess tal-attriċi;

9. Illi dwar it-tmien talba l-esponenti jirrileva li din l-Onorabbli Qorti għandha tappunta kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-att ta' divizjoni relattiva;

10. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad id-disa' talba, stante li ma jezistux ċirkostanzi li minħabba fihom l-esponenti għandu jiġi eskluz milli jabita fid-dar matrimonjali;

11. Illi dwar l-għaxar talba, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni;

12. Illi dwar il-ħdax il-talba, l-esponenti wkoll ma jsibx oġġezzjoni;

13. Illi fl-aħħar lok, f'dak illi jirrigwarda l-ispejjez, ġialadarba l-konvenut ma jaħtix għat-tifrik taz-zwieġ, liema tifrik ġie kaġunat unikament bi ħtijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-attriċi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, l-ispejjez ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati interament mill-istess attriċi.

Bl-ispejjez kontra l-attriċi nġunta għas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kienu jattendu s-Sixth Form f'Gunju, 1990. Kienu zzewwgu fis-16 ta' April, 2000, wara ghaxar snin gherusija. Il-konvenut kien telaq ftit xhur qabel ma spicca s-Sixth Form u impjega ruhu full-time, wiehed minn fost l-impjiegi li kien se jkollu tul iz-zmien.

   Wara li telqet is-Sixth Form, l-attrici sabet impjieg ma' Formosa & Camilleri Ltd, illum Atlas Insurance PCC Ltd u ilha tahdem hemm ghal iktar minn 24 sena. Qabel iz-zwieg kien ikollha part-time ukoll. Kienet

hadmet McDonalds, kif ukoll l-Eden Cinemas. Tul iz-zwieg qatt ma hadmet part-time, hlief recentement meta kienet tahdem ma' kumpanija.

Il-konvenut kien jinsisti li jippreferi jahdem fuq barra u ghalhekk dejjem hadem fuq sales. Hadem ma' diversi kumpaniji, fosthom Delta Homecentre, Planor Ltd, Telecell Ltd u Baxter Ltd. pero' ma tantx kien idum f'dawn l-impjiegi u biex isostnih kienet tahdem full-time u gieli kellha part-time ukoll l-attrici. Missierha kien ighaddilha xi flus u kienet twarrabhom mal-ispejjes ta' kuljum, kif ukoll sabiex jixtru ghamara ghall-post taghhom f'San Pawl il-Bahar. Meta ghamlu l-konvenju ghal dan il-post, omm il-konvenut kienet hallset nofs l-ammont, filwaqt li hi kienet hallset id-differenza. Kienu xtrawlha ukoll il-kcina u l-appliances li jmorru maghha bhala rigal tat-tieg.

Fl-2002 twieldet it-tifla taghhom D u f'dak iz-zmien il-konvenut spicca minghajr impjieg ukoll u meta waslet biex twelled kien sab impjieg ma' Borg Cold Stores Ltd. Kienet bidlet il-hinijiet taghha ghal *reduced hours,* filwaqt li hutha li kellhom tfal zghar ukoll kienu jghinuha bit-tifla u lil ohtha F li ma kinitx tahdem, kienet tghaddilha ftit flus bhala kontribut. Omm il-konvenut kienet tghin waqt il-vakanzi peress li kienet tahdem go skola. Kulhadd kien ighin sakemm it-tifla bdiet playschool, imma xorta kienu jghinu fil-vakanzi tal-iskola, Lill-omm il-konvenut ma kinitx thallasha, ghax kienet tahdem u mbaghad irtirat.

L-ewwel ftit snin taz-zwieg, kienet l-attrici li kienet tiehu hsieb hafna mill-ispejjes mill-loans sal-mizati tal-iskola u xi kultant il-konvenut kien ihallas xi kontijiet.

Meta kienu xtraw il-post tan-Naxxar, ezatt malli ffirmaw il-konvenju, il-konvenut rega' spicca minghajr impjieg. L-attrici kienet thobbu u kellha tama fih. Tghid li tant kien biddel karozzi u impjiegi li lanqas setghet tiftakarhom kollha. In kontro-ezami kkonfermat li qatt ma hallset ghal-loans fuq dawn il-karozzi, pero' kienet thallslu l-l-insurances, peress li kienu inxurjata mal-kumpanija fejn kienet tahdem u kellha l-facilita' li thallashom bin-nifs, Dwar il-vettura taghha Toyota kkonfermat li din inxtrat fiz-zwieg u li kienet warbet il-flus tal-maternity leave u meta marret lura ghax-xoghol kienet hallset parti kbira mill-bilanc dovut fuq dina l-vettura b'dawn il-flus u d-differenza thallset mill-flus tal-bejgh tal-fond ta' San Pawl.

F' April, 2007 beda jkollha l-ewwel suspetti li l-konvenut kellu relazzjoni ma' certu GH, fejn kienet tahdem bhala skrivana fl-iskola fejn kien beda jahdem il-konvenut bhala LSA fl-2005. Kien innega kollox u kienet waqqfghet hemm l-affari, izda f'Ottubru, 2009 ikkonfermat li kien ghadu jiltaqa' ma' H u ammetta li kien ilu f'relazzjoni maghha ghal tlett snin. Ftit wara ammetta li kien telaqha u kienet issuggerit li jmorru counselling, izda l-konvenut m'accettax ghax ma kienx jemmen fiha.

Kien qed jigdeb ghax fi Frar, 2010 kien mar Sqallija maghha u ma' grupp studenti u f'Marzu, 2010 kienet sabet diversi dikjarazzjonijiet fuq il-kompjuter li kienu jikkonfermaw li kellhom relazzjoni. Meta rat li s-sitwazzjoni ma kinitx ser tinbidel f'April, 2010 kienet baghtet ittra li riedet tibda bil-proceduri ta' separazzjoni. Dakinhar li rcieva l-ittra kien vjolenti u kien beda jheddidha. Kien informa lill-familjari taghha li riedet tissepara. Peress li kienet ghamlitlu rapport, kien talabha biex tahfirlu u kien ikkonvinciha ghax kien wieghdha li jmorru counselling.

L-attrici tispjega li fid-19 ta' Mejju, il-konvenut kien tkecca mill-iskola minhabba kwistjonjiet ta' frodi li kien involut fihom meta kien jaghmel part-time mal-Consumer Affairs Department u ghalhekk beda jircievi nofs l-ammont tal-paga tieghu. F'dan iz-zmien, tghid li kellha paga ta' cirka €900 fix-xahar u minnhom ma kinitx tghaddi paga lill-konvenut, izda kienet thallas l-ikel, il-loan, il-kontijiet kif ukoll ix-xiri kollu u spejjes relatati mal-iskola tal-minuri. Is-sitwazzjoni nqalbet fl-appell fejn il-konvenut gie liberat. L-unici oggetti li kien xtara l-konvenut kienu l-barbecue u geeyzer u dan kien fiz-zmien li kien qed jahdem man-NaturePlus Ltd. Kien ukoll organizza ikla ghal ghoxrin ruh meta t-tifla ghamlet il-Grizma.

Wahda mill-aqwa hbieb tal-attrici kienet qaltilha li waqt li kienu gharajjes kellha relazzjoni mal-konvenut, li kienet damet xi snin. Meta kkonfrontatu l-konvenut kien sostna li dina kienet taghtih fastidju. Il-hbieb l-ohra ukoll ikkonfermaw li l-konvenut kien jibghatilhom sms biex ighid kontriha.

Ippruvaw imorru counselling drabi ohra u kien jidher li f'Dicembru, 2010, l-affarijiet bejniethom kienu tjiebu, izda ma tantx damu ghax sa Jannar, 2011 u x-xhur ta' wara kienu difficli, kien jippersegwitha, ma jhallix torqod bil-lejl u jghajjarha in kontinwazzjoni. Kien jaghmel dan quddiem binthom biex idawwarha kontriha u biex iktar jirbahha kien jghammiha bir-rigali.

Meta ma felhitx izjed l-attrici kienet iddecidiet li tiftah proceduri ta' medjazzjoni biex tasal ghall-separazzjoni. Ghal darb'ohra l-konvenut kien beda jinsisti maghha biex terga' tatih cans u kienet cediet peress li bezghet li kienet ser titlef lil bintha.  Minkejja dan, il-hajja mizzewwga ma nbiddlitx, il-konvenut kien jixrob id-dar, jidhol u johrog mid-dar fi x'hin

irid u lanqas kien jiekol maghhom anke meta kienu joqoghdu jistennewh. It-tifla ma felhitx izjed u kienet talbitha biex jitilqu u sahanistra bdiet tfittex appartamenti li setghu jikru.

Meta regghu bdew is-suspetti li rega' kien beda r-relazzjoni ma' GH iddecidiet li ma ssajjarlux iktar. Fit-23 ta' Jannar, 2015 kienet talbet lil partner t'ohtha IJ sabiex jakkumpanjaha sabiex taghmel l-ghassa fuq il-konvenut. Kienu segwewhom fejn marru jieklu go ristorant iz-Zurrieq. Stennew ftit u mbaghad dahlu fir-ristorant u l-attrici ppruvat tiehu r-ritratti. Meta telqu biex tipproteggi lilha nniffsha kienet marret ghand il-pulizija u mbaghad kienet anke cemplet lil KH ir-ragel ta' GH biex tinfurmah bir-relazzjoni li kien hemm ma' zewgha.

Fl-14 ta' Frar, 2015 kienet irceviet telefonata minghand ragel anonimu li kien taha informazzjoni li l-konvenut kien ma' mara ohra. Flimkien mal-partner t'ohtha kienu marru jsegwuh u kienet gharrfet lil mara bhala wahda mill-hbieb tieghu fuq Facebook.

Fil-25 ta' Mejju, 2015 kienet irceviet telefonata minghand certu LM li nfurmaha li l-konvenut kellu relazzjoni mal-ex partner ta' dan M, NO li kienet tiggestixxi Mild to Wild Nails. Cemplilha biex jinfurmaha li kellu kawza fejn kien ghamel ghalihom peress li din O kellha taghtih il-flus. Infurmaha ukoll li ried ighinha.

L-attrici mbaghad kienet fethet proceduri tas-separazzjoni u sakemm kien hemm l-ewwel sessjoni l-Qorti, il-konvenut kien rega' tilef l-impjieg tieghu u sa fejn kienet taf ma kienx sab impjieg iehor, izda xorta wahda baqa' johrog lejl u nhar. Generalment, l-iktar li kien jidhol tard kien fil-weekend meta jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Il-hbieb tat-tifla ukoll

kienu cemplulha sabiex ighidulha li kienu raw lill-konvenut jiekol ma' mara ohra, izda meta gibditlu l-attenzjoni, irrispondiha li ma kienx interessat x'kienu jahsbu l-hbieb.

2. Il-konvenut jikkonferma li kien iltaqa' mal-attrici meta t-tnejn li huma kienu jattendu l-GF Abela Sixth Form. Ghall-bidu kienu jiffrekwentaw lil xulxin bhala hbieb, izda mbaghad bdew johorgu flimkien. Ighid li peress li l-attrici ma tantx hija ta' halqha f'ommha, ma tantx halliet impressjoni tajba fuq ommu.

   Maz-zmien sar jaf lill-familjari tal-attrici, li kienet tilfet lil ommha ta' eta' zghira. Kienet trabbiet miz-zijiet u meta bdiet is-Sekondarja kienet marret lura tghix mal-familja taghha u fil-weekends kienet terga' tmur ghand iz-zijiet. Ghal missier l-attrici, ighid li kien religjuz izzejjed u kulma kien jitkellem kien fuq it-talb u r-religjon. Kien wisq dixxiplinat, tant li kellhom problema ghad-dewmien fil-hrug, ghax missier l-attrici kien iridha d-dar kmieni. Jekk kienu jittardjaw ma kinitx l-ewwel darba li kienet issib il-bieb imbarrat jew kienet taqla' xi daqqa. L-attrici kienet xebghet b'din is-sitwazzjoni u bdiet tipprova ssib post fejn tikri, izda ma kellhiex flus bizzejjed biex jippermettulha tikri fond. Kienet hadet parir mill-imghallem taghha, x'setghet taghmel biex twarrab il-flus ha tkun tista' tixtri l-proprjeta' taghha. Bdiet tahdem part-time ukoll l-ewwel ma' McDonalds u mbaghad mal-Eden Cinema u kien jispicca jehodha u jgibha lura, bir-rizultat li l-attrici kienet qiedgha taqla' l-flus, filwaqt li hu kien qed jonfoq il-flus fil-petrol. Fil-fatt xtara karozza li tiehu d-diesel biex jiffranka.

   Xi kultant, biex jevita d-dizgwid kien johrog mal-attrici u missierha ghal xi ikla jew imur ghandhom, imma kien jiddejjaq ghax ma kienx hemm televixin u missierha kienet joqghod jippriedka fuq ir-religjon.

L-attrici dejjem kienet influenzata mill-hbieb u kienet tixtieq li tissettilja u ghalhekk kienet iggennu biex jitgharsu. Il-konvenut ighid li ma kienx cert minn dina r-relazzjoni peress li kienu wisq differenti u kellhom trobbija differenti ukoll u minhabba dawn l-incertezzi kienu jiggieldu ta' spiss. Kienu hassru u beda johrog ma' habiba tal-attrici, izda ftit wara rrangaw.

Is-snin ghaddew u sadanittant, l-attrici kienet warrbet bizzejjed flus biex jixtru post flimkien. Kienu sabu apartament San Pawl il-Bahar u hadu loan kongunt, fejn l-attrici kienet taghmel il-pagamenti, filwaqt hu kien ha hsieb jarma l-post u jaghmel xogholijiet ta' tibjid, maintenance u dawl.

Tul dan iz-zmien kien jahdem bhala salesman u l-paga tieghu kienet tajba u ddecieda li jixtrilha curkett tal-gherusija. Bhala rigal tat-tieg il-genituri tieghu kienu xtrawlhom il-kcina u l-kamra tal-ikel. L-attrici kienet hadet hsieb l-arrangjamenti tat-tieg, u ma tantx kien jargumenta maghha.

L-ewwel snin kien zmien fejn kellhom jaddattaw ghall-hajja gdida bejniethom. It-tnejn kienu jahdmu. Ighid li minn naha tieghu kien il-hin kollu jara kif ser isib impjieg ahjar sabiex ikollu ntrojtu ahjar u hinijiet ahjar. L-attrici kienet tikkuntenta bl-impjieg li kellha u ma kellhiex interess li tavvanza. Kienet ukoll ras iebsa u trid tghaddi taghha kull darba u dan kien l-ikbar difett li kellha. Kwistjoni ohra kienet li l-attrici kienet issajjar ghall-missierha u kien ihallashom b'tlett flixken Kinnie.

L-attrici bdiet tiffissa li riedet tarbija, izda l-konvenut ighid li ma tantx kien herqan peress li l-post taghhom ma kienx ghadu lest, izda minghajr ma ppjanaw l-attrici kienet harget tqila u ghalih jispjega, dan kien zmien hazin peress li sfortunatament kien tilef l-impjieg tieghu u kien jinkwieta kif ser

ilahhqu mal-ispejjes u inoltre r-relazzjoni taghhom ma kinitx mill-ahjar. Kien fl-ahhar sab impjieg  u wara li twieldet it-tifla l-hajja taghhom qalbet ghall-ahjar, ghax ma tantx kienu jargumentaw u kienu ferhanin hafna.

Sabu hafna ghajnuna bit-tifla mill-familjari rispettivi sabiex it-tnejn li huma setghu jmorru lura ghax-xoghol. Kienu inghataw offerta biex ibieghu l-appartment taghhom f’San Pawl u peress li kien hemm tlett sulari tarag u kellhom it-tarbija ddecidew li jbieghuh. Bdew ifittxu post u l-konvenut jispjega li rega’ spicca bla xoghol, izda baqghu mixjin bil-pjanijiet u mill-bejgh tal-post, kienu hallsu ukoll il-loan li kellhom fuq il-vettura tal-attrici, sabiex ikun limitati ghal-loan wiehed biss tal-post il-gdid.

Ftit wara sab impjieg bhala LSA gewwa skola tal-Gvern u kien zamm part-time ukoll, ghax kellu hinjiet tajbin. L-attrici kienet tirridikolah u tghid li kienu mxew ‘l quddiem minhabba fiha u kien qishu telghalha ghar-rasha u kienet tarah qisu dubbiena u dan kien jiddimotivah.

L-attrici kienet saret insopportabbli peress li kienet wisq dominanti. Hadet ir-riegni f’idejha ghal dak li jirrigwarda l-finanzi taghhom. Rieditu jhallas nofs l-ispejjes tal-loan u nofs il-kontijiet, izda jghid li qatt m’offriet biex thallas l-ispejjes l-ohra.

F’Ottubru, 2009, l-attrici akkuzatu li ghandu relazzjoni ma’ GH, li kienet tahdem mieghu go l-iskola u marret tghid lill-familja tieghu. Ippretendiet li ma jkellimix iktar, izda kienet haga impossibbli peress li kienet tkun l-iskola. Kienet anke opponiet bil-qawwa meta siefer mal-iskola Trapani, fejn dina H kienet ser tkun prezenti. Waqt li kien Sqallija, kien ircieva telefonata minghand il-Pulizija ghax riedu jkellmuh rigward

investigazzjoni ta' frodi. L-ewwel hsieb li gie f'mohhu kien, li dina kienet vendikazzjoni da parti tal-attrici ghax kien mar Sqallija.

Meta wasal lura Malta fis-26 ta' Frar, 2010 mar id-Depot u kien gie arrestat u interrogat mill-Ispettur Ivan Cilia, fuq xi firem li jinnega li huma tieghu, Gie rilaxxat u meta mar lura d-dar, l-attrici lanqas biss staqsietu x'kien gara u ma garax u kien konvint li kellha denbha mdeffsa f'din l-affari. Dakinhar stess kien fetah il-posta u kien sab 8 jew 9 American Express Travellers Cheques b'valur ta' €500 u ma kienx jaf x'inhuma.

Ftit wara dan l-incident, l-attrici kienet qaltlu li kienet tkellmet ma' avukat u kienet ser tibda bil-proceduri ta' separazzjoni.

Jistqarr li bdew jigru affariiet mhux normali, fejn kollega tal-attrici, li gieli kienet tkun ghandhom, bdiet tippostja fuq Facebook, kummenti dwar id-dizgwid ta' bejnu u l-attrici. Kien ghalhekk li kien baghat messagg lil dina l-persuna biex thalli lill-attrici bil-kwiet u spicca kienu baghtu ghalih il-pulizija.

Fit-18 ta' Mejju, 2010 kien mar messaggier mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni l-iskola fejn infurmah li kien gie sospiz mix-xoghol minghajr paga u dan minhabba l-proceduri li kellu l-Qorti. Il-konvenut jinnega li kien jaf bihom, anzi jinsisti li l-attrici kienet taf b'dak kollu li kien qed jigri u kienet qed tigdeb mieghu.

Minn dakinhar ighid li tilef kull rispett u fiducja lejn martu. Kellu hafna problemi peress li l-paga kienet tnaqqsitlu bin-nofs u kien qed jaqla ghalhekk €387, li minnhom kien ihallas €132 loan kongunt li kien ha biex ihallas karozza second hand li kien xtara fl-2008. Kien ihossu wahdu hafna

u ma kellux ma min jiftah qalbu, Beda jsib xi impjiegi ‘l hawn u ‘l hemm, pero’ kien difficili peress li kien sospiz mix-xoghol. Kien hemm mumenti meta ma kellux flus u meta kien idur ghall-attrici biex forsi tghinu ma sab l-ebda ghajnuna.

Ftit zmien wara l-attrici regghet talbet separazzjoni u ghal darb’ohra oppona. L-attrici kienet bdiet proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, fejn kienu pproponew li jattendu sezzjonjiet ta’ family therapy u minkejja li ma jemminx fihom, il-konvenut jistqarr li ddecieda li jattendi.

Fit-12 ta’ Mejju, 2011 inghatat sentenza fejn instab hati ta’ frodi u falsifikazzjoni ta’ dokumenti u appella minn dina s-sentenza. L-attrici ma uriet l-ebda empatija mieghu. Kien baqa’ jahdem bhala driver biex jaqla’ xi haga tal-flus, l-iktar sabiex ikollu xi haga fuq ir-rih biex lit-tifla ma jhalliha nieqsa minn xejn, minkejja li l-attrici kienet toqghod tghid lill-minuri li ma kellhomx flus u ma setghetx tixtrilha dak li riedet.

Sadanittant, kienu baqghu jattendu t-therapy sessions, izda l-attrici kienet qatghet kull kuntatt intimu mieghu u kien ghalhekk li kien iddecieda li jwaqqaf is-sezzjonijijet, meta f’ wahda mill-ahhar sezzjonijiet kienet bdiet tghajjat.

Il-konvenut ikompli jispjega li kien qed jaghmel minn kollox sabiex isib impjieg li jidher bhala part-time, meta effettivament ikun qed jahdem full-time. Kien hemm zmien meta thajjar li jiftah negozju bit-tiswijiet tal-karozzi, izda l-attrici rrifjutat li tiffirmalu biex jiehu loan. Beda joqghod fuq saqajh meta sab impjieg ma’ familja barranija u kien jahdem bhala driver maghhom. Hassu iktar kuntent u kellu izjed serhan il-mohh. Xtara

bbq għall-familja u geezer u organizza ukoll party għall-Grizma tat-tifla. Fis-sajf kien anke jeħodhom il-baħar, jikru s-sunbeds u jixtru ġelat.

Madanakollu, xejn ma kien jikkuntenta lill-attrici, li ddeċidiet li ma riditx issajjarlu iżjed peress li ma kienx jikkontribwixxi lejn l-ispejjeż għall-ikel.

Fit-23 ta' Jannar, il-konvenut igħid li kellu ikla ma' sħabu ż-Żurrieq u kien mar flimkien ma' GH u kellhom jiltaqgħu mal-ħbieb hemmhekk. Isemmi li dawn kienu PQ u ċertu R. Kienu daħlu fuqhom l-attrici u l-partner ta' oħtha, fejn l-attrici kienet bdiet tieħu r-ritratti u kienet marret tagħmel rapport l-għassa taż-Żurrieq. Dakinhar meta mar lura d-dar ma kienx sab lill-attrici u lil bintu hemmhekk. L-għada kien insista mal-attrici li ried jarah lil bintu.

Ftit ġranet wara, kien reġa' rċieva mingħand l-avukat tal-attrici fejn kienet għal darb'oħra qiedgħa titolbu s-separazzjoni. Il-konvenut igħid li l-ewwel interess tiegħu kien li jnaddaf ismu minħabba l-kawża kriminali u li jieħu ħsieb l-interessi tal-minuri u jibża' li l-attrici tabbandunaha meta jkollha bżonnha l-aktar. Il-konvenut igħid li l-attrici ma tħallihx jitkellem u jagħti opinjoni fejn jirriwgarda l-minuri, għax peress li ma jħallasx xejn m'hu intitolat għal ebda dritt tgħidlu.

Il-konvenut igħid li l-paga tiegħu tammonta għal €426 kull erba' ġimgħat. Jispjega li ma jistax jagħti somma ta' manteniment lil martu, iżda jgħinuh il-ġenituri tiegħu u jemfasizza li lil bintu ma jħalliha nieqsa minn xejn, joħrogħa tiekol, jixtrilha l-ħwejjeġ u jagħtiha l-pocket money meta toħroġ mal-ħbieb. Il-maġġorparti tal-kontijiet jikkonferma li tħallashom l-attrici, iżda jgħid li ma jaraxx għalfejn għandhom jinqasmu l-ispejjeż meta l-attrici taqla' ċirka €18,000.

3. Sarah Debono, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg u tahdem bhala social worker, tghid li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom l-ewwel darba fit-2 ta' Frar, 2011 meta bdiet tippanikja li r-ragel taghha kien ser jaghme'l rapport is-Sedqa meta ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni, Minn dak li spjegatilhom l-attrici, il-konvenut ried jaghmel rapport, li hi ma kinitx "a fit mother." Qaltilhom li zewgha l-konvenut kien dominanti hafna u kien anke abbusiv, ghax kien hemm drabi fejn jaghtiha fuq wiccha jew jaghtiha bil-ponn u kien anke joqbzilha. Ma riditx taghmel rapport lill-pulizija ghax bezghet mir-reazzjoni ta' zewgha. Kellu ukoll ghira eccessiva.

Tghid li l-attrici spjegat li l-problemi bdew xi sena u nofs qabel ma ntebhet li kellu relazzjoni ma' mara ohra. Ix-xhud tispjega li kien hemm problema biex jaghmlu appuntament ghax bdiet tibza' li l-konvenut kien jinduna ghax kien isegwiha. Kien ghalhekk li ghamlu l-appuntament l-ufficcju taghha f' April, 2011 u dakinhar kienet tidher imbezza' u konfuza, ghax ricentement l-affarijiet bejniethom kienu eskalaw. Ir-ragel kien beda jintimidaha u kien hemm incident fejn beda jimbuttaha u biex tiddefendi lilha nnifisha kienet probabilment laqtitu u kien hiereg id-demm minn imniehru. Kien pogga r-ritratti fuq Facebook u kienu gew il-pulizija. Peress li nsertaw jafuhom, il-pulziija pprova jikkalmahom u talabhom biex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet.

Ix-xhud tkompli tispjega li l-konvenut kien iqatta' hafna hin quddiem il-post tax-xoghol taghha u kien taha x'tifhem li kien pogga l-kameras kullimkien biex ikun jaf x'inhi taghmel. Meta x-xhud insertat kienet ghandha l-ufficcju, kien qed icemplilha r-ragel u kienet dahlet fi stat ta' paniku. Ftit wara, imbaghad l-attrici kienet bdiet bil-proceduri ta'

medjazzjoni u kienu bdew jattendu sezzjonjiet ta’ family therapy ghand Carmen Delicata u jidher li s-sitwazzjoni kkalmat ftit. L-abbuz fiziku kien waqaf, izda verbalment u emozzjonalment ma kienx waqaf. Peress ma kienx hemm il-htiega iktar taghhom, kien waqqfu s-sezzjonijiet u l-partijiet kienu baqghu jattendu ghas-sezzjonijiet tat-terapija.

F ’ Ottubru, 2014, l-attrici kienet regghet ikkuntatjatjom peress li s-sitwazzjoni mill-ahhar li kellha kuntatt maghhom ma kinitx qalbet ghall-ahjar. Tghid li kien hemm iktar abbuz emozzjonali, kif ukoll finanzjarju. Tul dan il-perjodu ukoll, l-attrici kienet infurmata li l-konvenut kien bla xoghol u l-piz finanzjarju kien waqa’ kollu fuqha u kemm hi kif ukoll t-tifla, li dak iz-zmien kellha xi tnax-il sena ma kinux kuntenti u riedu jitilqu mid-dar. Kien hemm wisq tensjoni u ansjeta’.

Kienet qaltilha li matul is-sajf kien qed jixrob hafna u li xi hadd anonimu kien cemplilha sabiex ighidlha li zewgha kienet qieghed f’relazzjoni ma’ mara ohra. F’Jannar, 2015 kienet fethet is-separazzjoni. Kienet ikkonfrontat lir-ragel dwar dina l-mara. Minn meta bdiet bil-proceduri ta’ separazzjoni, tghid li l-attrici kienet qaltlilha li donnu l-konvenut kien accetta s-sitwazzjoni u minkejja li kienu ghadu jghix fid-dar matrimonjali ma kienx ikun hemm hafna u kienet qed tikkopja ahjar bis-sitwazzjoni. Peress li ma kinux lahqu ftehim tramite l-medjazzjoni, f’Lulju, 2015 kienu fethu l-kawza ta’ separazzjoni u kienet regghet kellmitha f’Settembru, 2015 biex tara jekk l-attrici kellhiex bzonn xi haga u spiccaw ghalqu l-kaz peress li kienu nbdew il-proceduri l-Qorti.[1]

[1] Ara Dok. SD a fol. 87 tal-process.

4. David Galea, in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonferma li l-partijiet kellhom joint account li huwa overdraft loan li nfetah f'April, 2014 u ghadu attiv. Il-bilanc li ghadu dovut kien ta' €66, 275.79 u l-pagamenti jirrizulta li kienu qed isiru minn kont iehor li kien fil-Bank of Valletta plc. [2] pero' ma setax jikkonferma lil min kien ighajjat dan il-kont.

5. ST, habiba tal-attrici li ilha tafha ghal dawn l-ahhar 32 sena, tiddesriviha bhala persuna ta' valuri u twajba, kulhadd ihobbha u hi dejjem lesta biex tghin. Ghall-bidu meta saret taf lill-konvenut, kien jidher bhala persuna onesta u affidabbli, izda ma zmien hareg li kien totalment l-oppost. Indunat li kien persuna li ma tantx refa' responsabbilita' ghall-familja u kien qalilha li jekk l-attrici kuntenta tahdem is-sieghat li tahdem, tkompli tahdem hi, ghax kien kuntent jahdem biss nofstanhar.

   L-ewwel darba li saret taf li kien hemm problemi bejniethom kien meta kellhom school reunion u l-attrici kienet infaqqghet tibki minhabba xi messaggi li beda jibghatilha l-konvenut. Ftit ta' zmien wara kienet irceviet messagg minghand il-konvenut fejn kien qed ighid kontra l-attrici. Ratha stramba peress li qatt ma kienet tikkomunika mal-konvenut u staqsiet il-hbieb l-ohra taghhom jekk kienux ircevew dan il-messagg u lkoll ikkonfermaw. Ma kinux semmew xejn lill-attrici li kienet thobb izzomm il-hajja personali taghha privata.

   Gara ftit wara, li habib taghhom sew, in partikolari tal-attrici, certu Mariella, kienet baghtet ghaliha u l-attrici, fejn ammettiet li meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes, bil-pjanijiet li jizzewwgu, kien mietilha missierha u peress li sabha vulnerabbli, il-konvenut kien ittantaha u kienu

---

[2] Ara Dok. DG u DH1 a fol. 93 – 98 tal-process.

bdew relazzjoni, anke intima bejniethom li damet sejra ghal tlett snin shah, minn wara dahar l-attrici. Ix-xhud tghid li kienet tat parir lill-attrici, biex ma tirrovinax il-hbiberija li kien hemm, ghax wara kollox sabha vulnerabbli u kulhadd jizbalja u hekk ghamlet l-attrici, li tant ghandha qalbha tajba.

Izid tghid li l-attrici kienet saret mizerabbli, il-hin kollu tibki, izda minkejja li l-konvenut ma kienx qed jaqla' paga u kien qed imur ma' nisa ohra, xorta baqqghet bit-tama li ssalva z-zwieg, specjalment peress li kienet tibza' li jehodilha lit-tifla, ghax kien jammieha b'hafna rigali li ma setghux jaffordjaw. Issemmi meta darba kienu Paradise Bay kollha flimkien, l-ommijiet u t-tfal u l-konvenut kien segwihom.

6. F, oht l-attrici tispjega li  kienet indunat li ohtha kellha xi haga tinkwietaha, pero' ma kinitx hasbet li setghet kienet relatata ma' problemi maritali. Darba kienu ghand missierhom, l-ahwa kollha u hemm l-attrici bdiet tibki u fethet qalbha maghhom li l-konvenut kien qed jaqlibilha ma' mara ohra. Peress li rawha mfarrka, l-ahwa bdew jaraw kif ser ighinuha.

Meta fethet il-proceduri ta' separazzjoni, il-konvenut beda jibghatilhom messaggi, anke f'nofs ta' lejl biex jattakka lill-attrici.

L-attrici kellha problemi finanzjarji ukoll, peress li l-konvenut qatt ma kien konsistenti f'xogholu u kienet tispicca thallas kollox hi u ma kinitx dejjem tlahhaq bil-paga, tant hu hekk, li oht l-attrici, tghid li kienet bdiet tghinha finanzjarjament u kienet ghadha qed tghinha sal-gurnata ta' llum.

L-attrici kienet ghamlet zmien, fejn riedet tipprova ssalva z-zwieg u kien ghalhekk li meta rat lill-konvenut f'Tas-Sliema, f'Dicembru, 2014 ma'

mara ohra l-Plaza, id f'id, ma kinitx qaltilha b'xejn, sakemm darba minnhom l-attrici urietha ritratti tal-mara li kien qieghed f'relazzjoni maghha u kienet qaltilha.

Minn dakinhar, l-attrici kienet iktar determinata li tmexxi bis-separazzjoni.

7. UV, habiba minn zmien l-iskola, tal-attrici, tikkonferma dak kollu li qalet ST, u zzid tghid li meta lkoll kienu rcevew il-messaggi minghand il-konvenut kienu ddecidew li jiltaqghu mal-attrici biex jaraw x'inhu jigri.

   Semmiet ukoll l-incident ta' meta kienu Paradise Bay u l-konvenut kien nizel hdejhom u kien ghamel xenata quddiem in-nies biex javeljiha. Kien hemm okkazzjoni meta kienet qaltlu biex jieqaf jippostja fuq Facebook affarijiet kontra l-attrici, ghax ma kien iservi ta' ebda gid ghat-tifla taghhom.

   Fit-2 ta' Mejju, 2015, ix-xhud tghid li kienet waqqfghet il-Pit Stop, l-Imgarr biex tixtri zewg pastizzi u hemm kienet rat lill-konvenut, flimkien ma' mara ohra. Iddecidiet li ssegwihom u kienu nizlu sal-Gnejna u kienu jidhru intimi sew. Tghid li tant kienet irrabbjata li ddecidiet turih li kienet rat kollox u kien induna biha.

8. WX, habiba tal-attrici kkonfermat li waqt li l-attrici kienet gharusa mal-konvenut kienet qed tohrog mieghu hi ukoll u kienu damu xi tlett snin. Tghid li qatt ma kellha l-kuragg tghid lil A, sakemm xi hames snin ilu kitbitilha ittra fejn spjegatilha kollox.

9. IJ, gharus ta' oht l-attrici, ighid li ma tantx kien jiltaqa' mal-familja tal-attrici, hlief f'xi okkazzjoni, izda kien hemm sajf partikolari, fejn l-attrici

kienet giet ma' bintha l-hanut tieghu l-Qawra, fejn kienu qed jistennew lil Y, li hija oht l-attrici. F'hin minnhom ighid ix-xhud, l-attrici kienet marret sa hdejn il-pool tas-Suncrest, ghax il-hanut tieghu kien faccata u meta giet lura fil-hanut tieghu nfaqqghet tibki peress li l-konvenut kien qed jibghatilha messaggi li kien ser jaghmel rapport li kienet harbet bit-tifla, ghax suppost marret Paradise Bay u mhux il-Qawra. Kien cempel lil Y biex tinzel malajr kemm jista' jkun u kien cempel ukoll lill-konvenut u lill-genituri tieghu biex jinzlu lkoll il-Qawra. Il-genituri tal-konvenut insistew li l-akkuzi tal-attrici, kienu biss frott tal-imaginazzjoni taghha u li kellha bzonn tikkura ruhha.

Peress li kien sema' zewq qniepen iddecieda li jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu u sar jaf li dina l-mara li allegatament kellu relazzjoni maghha kienet GH u kien sar jaf ukoll min kien zewgha, izda zamm id-distanzi biex ma jinvolvix ruhu iktar. Sakemm, fit-23 ta' Jannar, 2015, l-attrici kienet talbet b'mod urgenti lix-xhud sabiex jakkumpanjaha peress li saret taf li l-konvenut kien ma' mara. Accetta u kienu ltaqghu ghall-habta tas-6.30 pm u segwew lill-konvenut hiereg mid-dar.

Il-konvenut kien mar jiekol ma' GH il-Kingfisher Restaurant, iz-Zurrieq u kienu l-unici nies fir-ristorant. Ix-xhud jispjega li kien ipprova jikkalma lill-attrici u meta kienet lesta dahlu fir-ristorant biex jikkonfrontawhom. L-attrici xeghlet il-mobile biex tiehu r-ritratti u video taghhom u l-konvenut ipprova jehdilha l-mobile minn idejha. Ix-xhud ighid li wissa lill-konvenut biex ma jmissx lill-attrici. Meta kienu hiergin mill-car park, il-konvenut beda jxejjrilhom. Minn hemm marru l-ghassa biex jaghmlu rapport u fil-pront l-attrici taha hass hazin,

Fl-14 ta' Frar, l-attrici ghal darb'ohra kienet infurmatu li rceviet telefonata anonima li l-konvenut kien qieghed ma' mara ohra u kien ghalhekk li regghu marru jaghmlu l-ghassa fuqu. Qaghadu jistennew fil-car park tal-MCast tal-Mosta, ghax dik kienet l-informazzjoni li kellhom u fl-ahhar rawhom. Din id-darba l-mara kienet certu X.

Wara kien hemm mara ohra involuta skond l-attrici, xi hadd li jiggestixxi l-kazin tal-PN fl-Imgarr. Kien iddecieda li jaghmel l-ghassa u kull darba li kien imur u jsib il-kazin miftuh, dejjem kien jara lill-konvenut u lil dina l-mara hemmhekk, pero' ma kienx qal lill-attrici b'dan.

Kien hemm darb'ohra fejn kienet cemplitlu ghax kienet sejra tigbor lit-tifla mill-ajruport u l-konvenut kien qed iheddidha.

Ix-xhud ighid li peress li trabbew minghajr omm, il-partner tieghu, oht l-attrici kienet l-ikbar u kellha tieqaf mill-iskola biex trabbi lil hutha, tant li l-attrici, billi kienet l-izghar wahda, baqqghet idur lejha meta jkollha bzonn l-ghajnuna. Tghinha ukoll finanzjarjament u gieli kellhom xi jghidu minhabba f'hekk peress li kien jara lill-konvenut ma jahdimx u jipprova japprofitta mill-generosita' taghhom.

10.12, oht l-attrici, stqarret illi l-attrici kienet trabbiet maz-zijiet sakemm kellha ghaxar snin, peress li kienet mietet ommhom, imbaghad wara marret tghix lura maghhom u fil-weekend kienet tmur ghand iz-zijiet. Kien hemm zmien meta l-attrici kienet qaltilha li kellha xi problemi mal-konvenut u li kienet qed tissuspetta li qed jaqlibilha.

Kienet issuggeritilha biex ifittxu l-ghajnuna minn professjonisti, izda kellhom wisq problemi u mbaghad il-konvenut beda jsegwi lill-attrici kull

fejn kienet tmur. Kienet mahkuma mill-biza’ u lanqas kienet tissogra icemplilhom. Kienet thoss li ohtha kienet sejra ghall-aghar. Kellha problemi anke finanzjarji u kienet tghinha ukoll fejn setghet.

Meta l-attrici kienet hadet id-decizjoni biex tissepara kien bghatilha messagg biex jiltaqa’ maghhom ha jaghti l-verzjoni tieghu, izda ma kinux iltaqghu mieghu.

Kien hemm incident fejn il-konvenut kien qal lill-attrici, li kien ser jaghmel suwicidju u ma setghux jaqbduh. Kien ghalhekk li kienu marru ghand il-Pulizija, li fl-ahhar sabuh u kien ghamel ghaliha, ghax lix-xhud qalilha li poggietu f’riskju li jispicca f’Mount Carmel. Kien hemm incident fejn il-konvenut ma riedx idahhal lill-attrici d-dar sakemm taghtih l-istatements tal-bank u kellha tintervjeni biex tikkonvincih jidhol id-dar.

11.34 omm il-konvenut tghid li rabbiet il-familja, bhala familja maghquda hafna. Il-konvenut kien tifel kwiet u sensittiv. Kienet tiehu hsieb li jkollhom edukazzjoni tajba, Tikkonferma li kien ltaqa’ mal-attrici meta kienu qed jattendu s-Sixth Form flimkien. Meta ltaqghet mal-attrici, indunat li ma tantx kienet it-tip li tghomod il-kliem, izda hadet grazzja maghha.

Tistqarr li kollox kien miexi harir sakemm izzewwgu. Kienu dejjem generuzi maghhom u fejn setghu jtuhom daqqa t’id dejjem kienu lesti. Kull nhar ta’ Hadd, il-partijiet kienu jmorru jieklu ghandhom. L-attrici kienet ukoll innominata ghall-programm “L-ahjar kunjata” fejn intghazlet, izda ma marritx, ghax tisthi.

Tispjega ukoll li meta twieldet it-tifla tal-partijiet dejjem ippruvaw ighinhuom bil-babysitting u peress li kienet tahdem kien ighinha r-ragel.

Fl-2009, l-attrici kienet tathom l-ahbar li l-konvenut kien qed jaqlibielha u kienet tatha widen u ppruvat tghinha u l-konvenut kien ha ghalih. L-attrici kienet talbet separazzjoni mill-konvenut u kemm hi, kif ukoll il-familjari tal-attrici ppruvaw jaraw kif ser ighinuhom,. Kien anke involva ruhu partner t'oht l-attrici, izda ma kienx persuna addattata ghax ma kellux familja.

It-tieni problema li tfaccat kienet meta l-konvenut kien gie akkuzat li kien ffalsifika xi dokumenti relatati max-xoghol tieghu part-time. Kien gie spsoiz ukoll mill-impjieg tieghu full-time, minghajr paga ghall-bidu u mbaghad tant kienu insistew mal-awtoritatjiet li kienu tawh nofs il-paga. Tistqarr li dan ma kienx zmien sabih ghall-konvenut u kien ghalhekk li kienu jghinuh finanzjarjment kif ukoll jaghtuh hafna support. Kienu anke offrew lill-attrici li jhallsulhom il-pagamenti tad-dar, izda l-attrici rrifjutat.

Is-sentenza kriminali li nqatghet kontra l-konvenut gabet izjed problemi fuq il-konvenut u l-attrici kompliet bis-separazzjoni, sakemm fis-27 ta' April, 2016 is-sentenza appellata nqatghet favur il-konvenut u gie lliberat minn kwalsiasi akkuza.

54, missier il-konvenut jikkonferma l-kontenut tax-xhieda ta' martu 34.

12. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc., wara li ghamlet ricerka fuq il-partijiet irrizultalha li kien hemm tlett kontijiet

f'isem l-attrici li kienu maghluqin,[3] tlieta miftuhin,[4] kif ukoll tlett credit cards flypass. Tispjega li kien hemm zewg credit card numbers, pero' kienu jirreferu ghall-istess kont. Kien hemm bilanc ta' €2192.88. Dwar iz-zewg savings account tikkonferma li dawn kienu "in credit." L-overdraft huwa "in debit."

Tikkonferma li ma kienx hemm loans.

Dwar l-"incoming customer credit transfer" tghid li dan huwa dokument mahrug mill-APS Bank.[5] In-numru ta' dan il-kont huwa l-istess bhan-numru li hemm fid-dokument JB 4 u cioe' 10754580015. Dan jissejjah BOV control account u dan l-account number jidher meta parti tkun se taghmel transfer minn kont taghhom ghall-bank iehor, li f'dan il-kaz kien l-APS Bank. Tispejga li dan it-transfer kien sar mill-Fly Pass account tal-attrici ghal gol-APS Bank. Il-pagamenti ghalhekk kienu qed isiru mill-attrici

Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. kellha terga' tikkonferma r-ricerki li kienu gew ipprezentati minn Joanna Bartolo. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha kont savings f'isem l-attrici.[6] Fuq il-konvenut kien hemm zewg kontijiet, current account[7] u savings account[8] u zewg cards f'isem il-konvenut tat-tip Visa Advance[9] u Visa Classic.[10]

---

[3] Ara Doks, JB 5- JB 7.
[4] Ara Doks. JB2 – JB 4
[5] Ara Dok. DG 1
[6] Ara dok. LA 1
[7] Ara Dok. LA 2
[8] Ara Dok. LA 3
[9] Ara Dok. LA 4
[1010] Dok. LA 5

Kien hemmm ukoll zewg kontijiet kongunti, wiehed savings u l-iehor loan account.

13. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li wara li ghamlet ricerka rrizultawlha s-segwenti kontijiet:-

F'isem l-attrici kien hemm kont wiehed savings bin-numru 064057110050, illum maghluq.[11]

F'isem il-konvenut kien hemm :-

i) Kont kurrenti bin-numru 023058027001 li ghadu miftuh;[12]
ii) Savings account bin-numru 061246542050 li ghadu miftuh;[13]
iii) Visa classic bin-numru 456882428172333[14];
iv) Advanced Visa bin-numru 4035710035900971 llum maghluq;[15]

Bhala kontijiet kongunti kien hemm savings account bin-numru 059019232050[16] u loan account bin-numru 059019232300 illum maghluq[17].

14. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li l-attrici ghandha vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni KEL 301[18]. Il-konvenut ghandu Skoda Octavia bin-numru ta' registrazzjoni

[11] Ara Dok. AG 1
[12] Ara Dok., AG 2
[13] Ara Dok. AG 3
[14] Ara Dok. AG 4
[15] Ara Dok. AG 5
[16] Ara Dok,. AG 6

[17] Ara dok. AG 7
[18] Ara Dok. KC 1

KBD 369[19]. Dwar dina l-vettura tispjega li ma kellhiex il-firma tal-attrici ghax-xiri tal-istess vettura, filwaqt ghat-Toyota tal-attrici, dina kienet inxtrat bil-hire purchase u kien hemm il-firma tal-konvenut.

15. Gaetana Borg, in rapprezentanza tas-socjeta' Nature Plus Ltd. ikkonfermat li l-konvenut kien jahdem maghhom bejn l-1 ta' April, 2014 sas-26 ta' Settembru, 2015 meta giet itterminat l-impjieg.[20] Esebit l-FS 3's tieghu tul dak il-perjodu.[21]

16. Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-partijiet kienu hadu beneficcji.[22] L-attrici kienet ukoll il-beneficjarja tac-childrens allowance. Ikkonferma li l-konvenut kien ha l-marriage grant u ma eskludix li l-attrici kienet haditha ukoll.

17. Dr. Michael Gonzi, kien tabib kuranti tal-partijiet. Jikkonferma li kien hemm xi zmien li l-attrici kienet marret tinvistah peress li kienet naqset sew u kienet tidher depressed u ghalhekk talbitu anti-depressants. Kien irriferiha lil psikjatra Dr. David Cassar. Ighid li presentement l-attrici tidher tajba. Induna li l-attrici ma kinitx thossha komda biex titkellem u nduna li kien hemm xi problemi familjarji.

18. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-ETC ipprezenta l-employment history tal-konvenut. [23] Ighid li l-ahhar impjieg li kellu rregistrat kien tal-10 ta' Jannar, 2005 mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja.

---

19 Ara Dok. KC 2
20 Ara Dok. GB 1
21 Ara Dok. GB 2
22 Ara Dok. ST 1
23 Ara Dok. JS 1

19. Elizabeth Quintano, in rapprezentanza tal-Assistant Registratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali esebit sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella fit-12 ta' Mejju, 2011 u dina kienet giet appellata u deciza mill-Imhallef David Scicluna fis-27 ta' April, 2016. [24]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attrici qed izzomm lill-konvenut responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba li rrenda ruhu hati ta' adultejru, sevizzi, eccessi u ingurji gravi u vjolenza psikologika.

**ADULTERJU**

Fil-kaz **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) il-Qorti kienet enuncjat is-segwenti:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".*

[24] Ara Dok. EQ

(**“Rosina Micallef vs Angelo Micallef”** *Prim’Awla Deciza -27 ta’ Gunju 1964)”.*

Peress li dan l-estrem sabiex jinghata s-separazzjoni, huwa wiehed mill-iktar gravi, il-Qorti tat interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi ppruvat. Jehtieg ta’ “indizji u prezunzjonijiet” gravi, decisi u konkordanti. L-attrici ressqet diversi xhieda li juri li l-konvenut mhux dejjem kien fidil lejha. WX habiba intima tal-attrici kkonfermat li waqt l-gherusija tal-partijiet, kienet tohrog mal-konvenut. Kienu bdew ir-relazzjoni, meta l-konvenut kien qalilha li kien hassar minn mal-attrici, izda meta regghu rrangaw, kienu komplew jiltaqghu minn wara dahar l-attrici u kienet biss ammettiet dan maghha dawn l-ahhar snin, meta l-partijiet kienu ghaddejjin bil-proceduri,

Kien f’April, 2007, meta l-attrici bdiet tissuspetta li l-konvenut kellu relazzjoni ma’ certu GH li kienet tahdem fl-iskola fejn kien jahdem bhala LSA. Il-konvenut jinnega li kellu relazzjoni maghha, madankollu ma jichadx li kien ihobbha qisu ohtu. L-attrici ssostni li l-konvenut kien ammetta maghha li kien ihobbha f’Ottubru, 2009. F’Marzu, 2010, l-attrici kienet ukoll sabet xi  messaggi ta’ mhabba fuq il-kompjuter tal-konvenut minghand H.

Din l-allegazzjoni tal-attrici tkompli tissahhah meta x-xhieda taghha giet ikkorroborata minn IJ, il-partner t’ohtha. Kien mar maghha biex jaghmlu l-ghassa fuq il-konvenut u sabuhom jieklu gewwa ristorant iz-Zurrieq, flimkien ma’ GH. Il-konvenut jichad kwalsiasi allegazzjoni maghmula mill-attrici u jsostni li kienu hemm peress li kien ihossu kuntent johrog mal-hbieb li sab l-izjed meta kien gie sospiz mix-xoghol. Hu jinsisti li kellhom jiltaqghu maghhom kollegi tax-xoghol certu PR u R. Il-konvenut naqas li jressaq dawn il-persuni bhala xhieda biex jikkorrobora l-verzjoni

tieghu. Lanqas m'ghamel xi kontro-ezami lil IJ. Zmien wara, l-istess J, ukoll kien ikkonferma li kien induna li l-konvenut kien qieghed ukoll ma' mara li kienet tiggestixxi kazin tal-PN, l-Imgarr. Kien ighaddi minn hemm sabiex jaghmillu l-ghassa u kien dejjem jara lill-konvenut gewwa l-Kazin maghha.

Kien cempel lill-attrici certu certu LM li nfurmaha li l-konvenut kellu relazzjoni mal-ex partner ta' dan M, NO li kienet tiggestixxi Mild to Wild Nails. Cemplilha biex jinfurmaha li kellu kawza fejn kien ghamel ghalihom peress li din O kellha taghtih il-flus. Infurmaha ukoll li ried ighinha.

L-istess oht l-attrici F, tkellmet dwar okkazzjoni fiz-zmien il-Milied meta kienet il-Plaza Shopping Centre u kienet rat lill-konvenut ma' wahda mara u kienu id f'id. Mhuwiex car jekk dina l-persuna kinitix GH, izda ta' rilevanza huwa l-fatt li kienu jidhru intimi u wisq kunfidenza ma' xulxin.

Habiba tal-attrici, UV xehdet ukoll li kienet rat b'kumbinazzjoni lill-konvenut l-Imgarr ma' mara ohra u kienet segwithom sal-Gnejna, fejn waqfu biex jieklu u kien jidher li kien hemm certa kunfidenza zejda bejniethom. L-istess V ghamlet mezz li l-konvenut jinduna biha. Ghal darb'ohra l-konvenut ma gab xejn biex jirribatti l-verzjoni ta' dina x-xhud.

Huwa evidenti li l-attrici rnexxielha bl-aktar mod plawsibbli tipprova li l-indizji u l-prezunzjonijiet kienu gravi, precizi u konkordanti biex jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-konvenut kien responsabbli ta' adulterju.

**<u>SEVIZZI, ECCESSI U INGURJI GRAVI</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.
L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Mill-bidunett il-konvenut ma jidhirx li kien konvint b'dan iz-zwieg. Fil-fatt, dina l-gherusija damet ghaddejja ghaxar snin u kien biss meta l-attrici kien irnexxielha twarrab xi flus li ddecidew li jixtru post. Il-konvenut hass li kellhom trobbija u mentalita' differenti.

Iz-zwieg kien ikkaratterizzat minn problemi, primarjament wiehed finanzjarju. L-konvenut jipprova jpingi lilu nnifsu bhala ragel u missier idejali, li kien dejjem jipprova jsib impjieg ahjar biex ikollu paga aqwa u hinijiet ahjar, ghall-kuntrarju tal-attrici li kienet

komda fl-impjieg taghha u qatt ma kellha ambizzjonijiet li timxi ‘l quddiem. Ir-realta’ hija li mir-rizultanzi processwali, il-konvenut biddel hafna xogholijiet, minn salesman, ghal bar tender, ghal driver u addirittura ghal LSA f’skola. Kien biss mill-2005 li donnu l-konvenut saddad f’impjieg, izda zgur mhux minghajr problemi. Dan jindika li ma kienx hemm konsistenza fil-konvenut u lanqas stabbilita’ finanzjarja, li wassal ghal hafna tensjoni fiz-zwieg. L-attrici kienet thallas il-maggorparti tal-ispejjes u kontijiet, filwaqt li l-konvenut kien ihallas loan fuq karozza.

Huwa sfortuna kbira ukoll li l-konvenut kellu jispicca jigi investigat minhabba frodi u jghaddi minn proceduri kriminali li spiccaw waslu biex ikun sospiz mix-xoghol u bil-konsegwenza li kien jircievi biss nofs il-paga u sakemm spicca biex gie liberat fl-appell, kien sabha difficli biex isib impjieg tal-inqas part-time u kien jircievi biss nofs il-paga.

Ghalhekk, dan in-nuqqas ta’ sostenn da parti tal-konvenut wassal sabiex l-attrici tamministra l-finanzji taghhom, bir-rizultat li kien hemm hafna piki bejniethom.

Meta l-affarijiet ma kinux mixjin tajjeb, il-konvenut qabad jippersegwitha lill-attrici, ighajjarha u gieli kien aggressiv u vjolenti maghha. Kif l-attrici stqarret ma’ Sarah Debono, tal-Agenzija Appogg, kien jimbutaha, jobqzilha.  Kien kontinwament jibghatilha messaggi u jinsulentaha. Forsi l-attrici kienet dominanti u possessiva kif ighid il-konvenut, izda ma kellhiex ghazla fic-cirkostanzi u hadd ma seta’ jlumha. Il-hbieb taghha kkonfermaw li kien jeqridha bil-messaggi kontinwi meta kienu jkunu maghha u

anke jekk marru gurnata bahar, kien jara kif ser jirrovinahielha, kif ghamel meta marru gurnata Paradise Bay u nizel hdejom u ghamel xenata quddiem kulhadd. Lanqas kien ihalliha torqod bil-lejl, kontinwament jewdhen f'widnejha.

Meta l-attrici kienet iddecidiet li titlob separazzjoni minn mal-konvenut, kien beda sensiela ta' ingurji u beda jimmalafamaha mal-hbieb u anke ma' hutha. Il-hbieb tal-attrici kollha kkonfermaw li kienu rcevew messaggi minghand il-konvenut u minkejja ma kinux infurmaw lill-attrici, kienu ftehmu u ltaqghu maghha sabiex jaraw x'kien qed jigri.

L-attrici kienet ukoll tkellmet mal-Agenzija Appogg, wara li l-konvenut kien heddidha li kien ser jirrapportaha lis-Sedqa. Sarah Debono, mill-Agenzija kkonfermat li l-attrici kienet imbezza' mill-konvenut u tant kienet konxja li qed isegwiha, li kienet tirrifjuta li jaghmlu appuntament, li sa fl-ahhar, Debono tghid li kellha tmur tkellem lill-attrici fuq il-post tax-xoghol. Kienet tibza' mit-theddid ta' vjolenza tal-konvenut, peress li kien hemm drabi fejn kien aggressiv maghha, minkejja li qatt ma rrappurtatu.

Anke in kwantu jirrigwarda l-proceduri ta' separazzjoni, donnu l-konvenut ha gost jisfida lill-attrici, ghax kull darba li l-attrici tkun ser tmexxi bil-proceduri, jara kif jaghmel biex jisfratta l-pjanijiet, bl-iskuzi tat-terapiji, meta fir-realta' ma kienx jemmen bihom. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut juri wicc b'iehor, ghax huwa jikkontradixxi lilu nnifsu, ighid li dina r-relazzjoni qatt ma mxiet tajjeb, l-attrici kienet tiffrustrah u kien tilef kull rispett u fiducja lejh, specjalment, meta lanqas biss uriet ebda empatija lejh meta

gie arrestat u bdew il-proceduri l-Qorti. Juza’ hafna kliem iebes kontra l-attrici fl-affidavit tieghu u rrispettivament tal-velenu li jezisti bejn il-partijiet, certu diskors dispreggjattiv ma jwassal imkien ghajr li jirrifletti verament x’tip ta’ persuna kienet qed taffaccja ta’ kuljum l-attrici. Dan hu kkonfermat aktar meta ‘l quddiem jistqarr li ma riedx separazzjoni u li l-akkuzi ta’ adulterju kienu biss frott ta’ imaginazzjoni ta’ mohh marid. Din kienet ukoll l-interpretazzjoni tal-genituri tal-konvenut. Huwa minnu li hadd m’ghandu jirredikola lill-parti l-ohra huma x’inhuma l-problemi, pero’ jekk l-attrici giet ittrattata bil-mod kif esprima ruhu l-konvenut, fejn kliemu stess huma intimidanti, huwa difficli biex dina l-Qorti tasal biex temmen lill-konvenut li jghid li l-attrici kienet kontinwament tirridikolah u tistmah ta’ dubbiena. Il-fatto sta li certament kienet tghix f’biza kontinwa, intimidata mill-konvenut, li ma riedx isalva z-zwieg, izda ried biss ighix hajtu, ihallas mill-inqas u jgawdi u jidhol u johrog fix-hin joghgbu. Dr. Michael Gonzi jikkonferma li kien sab quddiem mara depressed li ma setghetx tiftah qalbha u kien ippreskrivilha anit-depressants.

Ghaldaqstant, dan iz-zwieg ma setax ikampa bl-ebda mod u dan meta l-attrici ppruvat li kienet assoggettata ghal sevizzi, eccessi u ingurji gravi kontinwi.

**KURA U KUSTODJA/ACCESS**

Illum fil-mori tal-proceduri l-minuri ghalqet 18-il sena u ghalhekk illum hija maggorenni. Indubbjament iz-zewg genituri jhobbu lil binthom u kif stqarret omm il-konvenut inghatat trobbija tajba.

It-tifla pero' ghaddiet ukoll peress li meta kellha 12-il sena kienet ghajjiet bil-problemi d-dar u riedet titlaq u kienet hi stess li bdiet tfittex post biex jikru.

Ghalhekk m'hemmx il-htiega li dina l-Qorti tippronunzja ruhha fuq dina t-talba, pero' tirrakkomanda li f'kull mument il-partijiet ghandhom iharsu l-interessi ta' binthom, li bhalissa ghaddejja minn fazi prekarja ta' hajjitha fejn qed tibni l-futur taghha.

Ghandha tinghata stabbilita' u kemm jista' jkun ghandha tithalla barra mill-litigi kontinwi bejn il-genituri. It-tifla ghandha ukoll relazzjoni tajba mal-konvenut li kemmxejn ifissidha materjalment, ghax jemfasizza li ma kellux flus, izda xtara kompjuter ghal bintu, kien johrogha tiekol u kien jixtrilha l-hwejjeg u jghaddilha *pocket money* meta tohrog mal-hbieb. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-konvenut, li billi t-tfajla, li ghandha kemm harget miz-zminijiet tat-teens u tiehu gost bl-affarijiet materjali, fil-hajja dawn mhumiex essenzjali u l-ezempju u l-ghaqal huwa l-ingredjenti ghal trobbija tajba. Li tifla tigi infurmatha minn shaba li missierha qieghed jiekol gewwa ristorant ma' mara ohra, mhux rakkomandabbli. Li missier ighajjar u jinsulenta lil martu quddiem it-tifla mhux rakkomandabbli, kif mhux rakkommandabbli li jwaqqa' kull mizura tad-dixxiplina li zzomm l-omm sabiex jintoghgob u jirbah l-affett ta' bintu.

Huwa minnu li dik li kienet minuri fil-bidu tal-proceduri, illum kibret u kapaci tiehu d-decizjonijiet taghha u ghandha tithalla fil-liberta' li haqqha.

**MANTENIMENT GHALL-MINURI**

Fit-30 ta' Settembru, 2015, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u tas-sahha.

L-artiklu 7(1) tal-Kodici Civili jikkontempla illi ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."***

Ghandu jigi apprezzat li l-konvenut kellu l-problemi finanzjarji tieghu u pprova jsib impjieg 'l hawn u 'l hemm meta kien ghaddej minn proceduri kriminali peress li kien akkuzat bi frodi u falsifikazzjoni. Ciononostante, qabel sehhu dawn il-problemi, qatt ma kien konsistenti f'xogholu u dina l-Qorti hadet l-impressjoni li l-konvenut kien bniedem li jfittex ghal kull sold. Li jirrabbja ghax l-attrici qed issajjar ghall-missierha u l-uniku kumpens huma tlett fliexken Kinnie, li ma jhobbx, jirrifletti persuna bla qalb u ingrat!

Ghalhekk mhix b'sorpriza li l-konvenut naqas li jhallas il-manteniment li huwa dovut lejn il-minuri. Illum m'ghandux iktar skuzi ghaliex wara s-sentenza tal-appell li lliberatu rega' dahal jahdem bhala LSA u ilu jaghmel dan ix-xoghol. Ghalhekk m'ghandux iktar skuzi li mhux finanzjarjament stabbli.

Jirrizulta ukoll li l-konvenut ghandu hafna arretrati ta' sehemu mill-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll ghall-ispejjes extra-kurrikulari u sakemm kienet ghaddejja l-kawza kienu jammontaw ghal €3858.59. Il-konvenut jinsisti li kien xtara diversi oggetti ohra

li kienu jkopru dawn l-ispejjes u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jhallashom. Dan mhux ragunar gust, ghaliex l-obbligu huwa hemm u ma jistax jiddeciedi hu x'inhuma dawn l-ispejjes u jezenta ruhu ghax xtara oggett li f'ghajnejh kienu jaqaw taht dina l-kappa.

Il-Qorti tfakkar lill-konvenut li ghandu diversi obbligi x'josserva u ghalhekk ghandu jibqa' jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar, peress li dan ma jidhirx ikkontestat sakemm it-tifla taghlaq 23 sena, jekk tibqa' tistudja u ma tahdimx full-time, kif ukoll ihallas l-arretrati dovuti sal-lum, inkluz l-arretrati minn sehemhu mill-ispejjes edukattivi u tas-sahha u l-ispejjes extra-kurrikulari.

**DEKADENZA**

L-attrici qiedgha titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 55 tal-Kodici Civili u dan minhabba li hu unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

Mill-provi prodotti diga' gie rrilevat illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi u peress li l-adulterju huwa l-estrem l-aktar gravi u l-konvenut ammetta l-istess f'Ottubru, 2009, id-dekadenza ghandha tapplika minn dina d-data.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Gie kkonfermat li tul iz-zwieg u minhabba l-problemi finanzjarji tal-konvenut, l-attrici kienet refghet il-piz ta' hafna pagamenti, kif ukoll ghall-bzonnijiet tal-familja. Kienet hi li baqghet thallas il-loan tad-dar

u dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. minn fejn irrizulta li l-attrici kienet tittrasferixxi l-fondi mehtiega ghall-hlas tal-loan minn kont tal-Bank of Valletta plc ghal go kont mal-APS Bank.[25] Dan huwa maghruf bhala "incoming customer credit transfer."

L-attrici ppruvat ukoll li kien hemm diversi spejjes ohra li hallset fil-mori tal-proceduri, izda l-konvenut jopponi li jhallas sehemhu peress li dawn thallsu mill-komunjoni. L-ispejjes huwa s-segwenti:-

i) Pagamenti tal-house loan - €6,601[26];
ii) Kontijiet tal-ARMS - €764.43;
iii) Kontijiet tal-Go - €873.02;
iv) Pagamenti tal-condominium, manutenzjoni tad-dar u insurance - €906.45;
v) Il-polza ta' assikurazzjoni life €430 fis-sena mis-sena 2014;

L-attrici ukoll qed tinsisti li l-konvenut ihallas l-ammont ta' €860, li gie ordnat ihallas minn dina l-Qorti u naqas li jhallas wara d-digriet tat-18 ta' Frar, 2016.[27]

Qed tippretendi ukoll li tithallas tal-loan li kienet hallset qabel iz-zwieg fuq il-post ta' San Pawl.

L-attrici tinsisti li irrispettivament minn dak li qed jikkontendi l-konvenut li dawn l-ispejjez thallsu mill-komunjoni u mhux obbligat

[25] Ara fol. 55-56
[26] Ara prospett anness man-nota ta' sottomissjonijiet.
[27][27] Ara fol. 134 tal-process.

li jhallas sehemhu, il-konvenut iddekada mid-dritt li jippercepixxi sehemu mill-komunjoni.

Il-Qorti tosserva li kif diga' rrilevat u ppronunzjat ruhha, il-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, bl-akbar aggravju serju u dan ma jistax jigi injorat u ghalhekk ma jistax jippretendi li jezenta ruhu minn dawn l-obbligi a skapitu tal-attrici, bl-iskuza li ma kellux minn fejn. Dan l-istat ta' fatt kien ireggi ghal certu zmien, izda prezentement ir-realta' hija differenti u l-finanzji jippermettu.

Li huwa kkontestat minn dina l-Qorti hija l-pretensjoni tal-attrici dwar il-prelevament fuq il-loan li hallset ghall-post ta' San Pawl. Ma giex ikkontestat li dak iz-zmien, il-konvenut hallas sehemhu billi bajjad, ghadda d-dawl u kien anke xtara mobbli ghall-post. Ghalhekk jirrizulta li saret tpacija fis-segwenti mod. Apparti l-fatt, li omm il-konvenut kienet hallset parti mill-flus fuq il-konvenju.

**<u>DAR MATRIMONJALI</u>**

L-attrici qed titlob li hi u binthom jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm it-tifla tibqa' tistudja jew tinbiegh ad eskluzjoni tat-tifla fl-interess taghha.

Tenut kont tac-cirkostanzi u tal-krediti li jezistu fil-konfront tal-attrici minn naha tal-konvenut, Jista' jkun opportun li d-dar matrimonjali tinbiegh u mir-rikavat l-ewwel irid jithallas il-bank, segwit mill-krediti u arretrati dovuti lill-attrici li ghandhom jitnaqqsu mill-istess rikavat. Il-Qorti, izda, hi tal-fehma li l-attrici xorta timmerita li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali. Mhux biss, il-

Qorti hija propensa tassenja d-dar matrimonjali kollha lill-attrici, ghal dak kollu li ghaddiet minnu f'dawn is-snin. Ghalhekk is-sehem tal-konvenut fuq id-dar matrimonjali ser jigi assenjat lill-attrici.

Dwar bint il-partijiet, illum ghandha l-eta' taghha biex tiehu decizjoni jekk, wara li tinbiegh id-dar, tiddeciedi li tibqa' tghix fil-fond m'ommha, gialadarba l-attrici uriet dina x-xewqa.

**<u>KONTIJIET BANKARJI</u>**

1. Dwar il-kontijiet bankarji, hemm kontestazzjoni rigward loan pendenti mal-APS Bank fejn hemm bilanc ta' €7,461 u l-attrici titlob li dan il-loan ghandhu jitkompla jithallas bejniethom.[28]

   Dwar dan, il-Qorti taqbel illi dawn ghandhom jinqasmu bejn il-partjiet, ghax huwa dejn li gie fformat waqt iz-zwieg u ghandhu jigi assunt minnhom it-tnejn, flimkien mal-ammonti li hallset l-attrici, li nofshom ghandhom jithallsu mill-konvenut.

2. Il-konvenut jinsisti li ghandhom jinqassmu l-flus li hemm fil-kont BOV numru 40022163613 fuq isem l-attriċi AB A/C D Dok JB2 esebiti 11/3/16 fejn irrizulta li għad hemm bilanċ fih ta' €1,648.11 liema kont għandu jitqies li kien tal-partijiet fiz-zwieġ minkejja li jinsab intestat fuq isem l-attriċi u minkejja li hu msemmi għat-tifla tal-partijiet;

[28] Ara Dok. DG u DG 1 a fol. 93-98 tal-process.

Il-Qorti tissuggerixxi li dan il-kont jinghalaq u l-flus jigu trasferiti ghal go fixed account f'isem it-tifla li llum ghandha l-eta' taghha u tista' tamministra l-istess kont, gialadarba, jidher li dina kienet l-intiza wara dan il-kont.

**3.** Kont BOV numru 40011474371 fuq isem l-attriċi AB A/C ezebit ukoll 11/3/16 wara xhieda mogħtija mir-rapprezentant tal-BOV fol. 145 u 146 tal-proċess, li ġie zbankat fit-13 ta' Jannar 2014 billi nġibdu minnu f'withdrawal wieħed €3,082.40 minn liema somma l-esponent għandu ukoll jitqies li għandu dritt għal nofsha.

Tenut kont li tul iz-zwieg, il-kontribut tal-konvenut kien minimu u tenut kont tal-fatt li hemm diversi arretrati ta' manteniment dovut minnu m'hemmx lok li jiehu sehemhu minn dan l-ammont, ghax b'xi mod l-attrici kellha tkampa.

4. Kwalsiasi kontijiet bankarji ohra ghandhom jiqbghu jappartjenu lill-parti lil min jghajjtu.

**VETTURI**

Mill-provi jirrizulta li l-partjiet ghandhom zewg karozzi, wahda kull wiehed rispettivament. Kull parti ghandha tigi assenjata l-vettura li pprezentement qieghdha fil-pussess taghha, filwaqt li kulhadd ghandu jkun responsabbli ghal kwalsiasi dejn ezistenti fuq l-istess vettura.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi;

2. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba, stante li llum it-tifla saret maggorrenni.

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta u tordna li l-konvenut ihallas manteniment skond kif deciz minn dina l-Qorti aktar 'il fuq, liema ammont ghandu jithallas sakemm it-tifla taghlaq 23 sena u ghadha qed tistudja full-time. L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

   Il-manteniment ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu depositati f'kont bankarju indikat mill-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €3,858.59 bhala arretrati ta' spejjes tas-sahha u edukazzjoni.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif deciz aktar 'l fuq.

6. Tilqa' s-sitt talba

7. Tichad it-talba sa fejn applikabbli f'dak li diga' enuncjat aktar 'l fuq.

8. Tilqa' t-tmien talba.

9. Tilqa’ d-disa’ talba u tawtorizza lill-attrici tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali 10/3, Gondola Court, Triq is-Simblija, Naxxar, u ghalhekk tassenja l-istess dar lill-attrici.

10. Tilqa’ l-ghaxar talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha “E.”

11. Tilqa’ l-hdax-il talba

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**